Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 17

Data tal-laqgħa: 21 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.25pm.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 16. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

17.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier ONDG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB il-minuti ġew approvati.

## 17.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

17.3.1.1 <u>Para 16.3.1 - Talba biex titneħħa *parking bay* fi Triq San Franġisk (faċċata tal-garaxxijiet ta' *Homeland Court*)</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill bir-risposta ta' l-amministratur tal-kumpless tal-garaxxijiet, li ntbagħtet ukoll lill-Ministru għat-Transport, lill-Perit ta' TM, lid-Direttur tal-*Land Transport Directorate,* lill-*Public Transport Administration Unit* u lil Dr Claire Cassar. B'dispjaċir kbir irrimarka li ma kinux mistiedna jattendu għall-ispezzjonijiet fuq il-post li saru minn TM. Fir-risposta tiegħu staqsa dwar x'qed jiġi kkunsidrat bħala karozza *standard* għax illum il-ġurnata, il-maġġoranza tal-karozzi huma SUVs. Ma qablux ma' TM meta qalu lid-daħla tal-garaxx hija angolata u tħares lejn id-direzzjoni tat-traffiku.

17.3.1.2 Il-Kunsill irrimarka li dawn l-ispezzjonijiet saru minn TM waħedhom u l-Kunsill ġie infurmat biss bid-deċiżjoni. Il-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat jew mistoqsi għall-veduta dwar din il-kwistjoni.

17.3.1.3 Il-Kunsill qabel li għalissa ma jimplimentax id-deċiżjoni ta' TM u nistennew risposta minn TM.

17.3.2 <u>Para 16.3.3 – Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza</u>
Is-SE infurmat li l-*electrician* ordna r-riflettur u kif jasal jiġi nstallat.

17.3.3 <u>Para 16.3.6 - Kwotazzjonijiet - Bandli</u>
Is-SE infurmat li l-bandli għandhom jaslu sal-aħħar ta' Ottubru.

17.3.4.1 <u>Para 16.3.7 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal</u>
Ġiet innutata r-risposta tal-avukat fejn qal li f'dan il-każ speċifiku, peress li mhux biex issir tabella ġdida imma biex tinbidel tabella antika, u fid-dawl tal-fatt li ma saru l-ebda oġġezzjonijiet fil-passat, fl-opinjoni tiegħu kwalunkwe talba għandha tkun dgħajfa. Apparti minn hekk, ma jidhirx li t-tabella qed tikkawża xi ostaklu għall-ħanut Għalhekk, mhux qed jara l-ebda bażi li tali tabella tiġi rifjutata.

17.3.4.2 Meta staqsejna lill-HSBC dwar jekk għandhomx xi permessi, infurmawna li dawn it-tabelli ġew imwaħħla żmien twil ilu f'postijiet approvati mill-Kunsilli Lokali u ma kienu ġabu l-ebda permess mill-PA / TM.

17.3.4.3 Il-Kunsill qabel li nibgħatu ittra bl-avukat lil tal-ħanut u nagħtuh terminu qasir ħafna biex iwieġeb

17.3.5 <u>Para 16.4.6 - Ħajt perikoluż fi Triq Birbal</u>
Il-Pulizija infurmawna li l-ħajt huwa proprjetà tal-Kunvent tal-Bon Pastur, fejn dawn tal-aħħar infurmaw li diġà jinsabu f'kuntatt mal-Perit tagħhom biex jiddiskutu l-kwistjoni.

17.3.6 <u>Para 16.4.7 - Triq Idmejda (Uffiċċju tal-iskejjel tal-Knisja)</u>
Is-SE infurmat li minn spezzjoni li saret ġie osservat li diġà twaħħlet mera mal-koxxa tal-*gate.* Faċċata ma tantx hemm fejn issir. Is-Sindku ser jiltaqa' fuq il-post ma' min għamel it-talba biex jfehma aħjar id-dinamika tat-triq. Se napplikaw ma' TM għall-permess biex nintroduċu limitu ta' veloċità ta' 30km/siegħa. Apparti minn hekk fit-triq diġà hemm marki *SLOW.*

17.3.7 <u>Para 16.12.4 - Talba għal *sleeping policeman* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>

Is-SE infurmat li bgħatna ittra lill-unika residenza li hemm fil-viċinanzi (k/m Triq il-Kannizzata) u għandha ċans sal-aħħar ta' Ottubru biex tibgħat risposta. F'każ li ma nirċievu l-ebda tweġiba, il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-installazzjoni.

17.3.8 Para 16.12.5 - Bankina fi *Buontempo Estates*

Is-SE infurmat li x-xogħol mitlub mill-Kunsill (kisi u tikħil tal-parti li ġiet maqlugħa) għadu ma sarx. Se nibgħatu l-aħħar tfakkira, u jekk ix-xogħol jibqa' ma jsirx, niktbulu bl-avukat.

## 17.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.4.1 *European Week of Regions* fi Brussel

Is-Sindku infurma lill-Kunsill bl-attendenza tiegħu fil-*European Week of Regions* li saret il-ġimgħa l-oħra, fejn attenda numru ta' laqgħat u *workshops* interessanti. Infurma wkoll li bħala Reġjun Tramuntana kellhom laqgħa ma' Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew.

17.4.2 Riflettur ta' quddiem il-Knisja

Is-Sindku infurma li wieħed miż-żewġ rifletturi ta' quddiem il-Knisja mhux jixgħel. Issuġġerixxa li jinbidlu għal dawl *warm white* biex jaqbel iktar mal-ambjent. Issuġġerixxa wkoll li tiżdied oħra biex tixgħel il-kampnar. Il-Kunsill approva.

17.4.3 Xogħol propost minn Enemalta plc fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

Enemalta plc talbu laqgħa mas-Sindku biex jiddiskutu l-pjan tax-xogħol propost għal Triq il-Ferrovija l-Qadima, fejn iridu jagħmlu trinka tul it-triq kollha biex issir *substation* u *wiring* ġdid. Il-Kunsill mhux jaqbel li jsir dan ix-xogħol fi triq li qas ilha xejn li saret. Dan ix-xogħol kien imissu sar meta inqagħlat it-triq, għax kulħadd jaf xi problemi jinqalgħu wara li tiġi *re-instated* trinka. Għalhekk ix-xogħol għandu jsir mis-*side streets*.

17.4.4 Applikazzjoni ta' żvilupp – Re-a*lignment* fi Triq it-Tliet Knejjes k/m Wied Ħal Balzan

Is-Sindku infurma li llum kien hemm is-smiegħ tal-appell, fejn wieħed mill-partijiet talab għal aktar żmien biex jilħqu jaraw l-appell u għalhekk stabbilixxew it-termini u terġa' tiġi skedata data għas-smiegħ.

17.4.5 *Telephone Box* fil-Pjazza

Is-Sindku infurma li ma rnexxielux ikellem lir-residenta biex jiġi kkoordinat ix-xogħol. Se nerġgħu nippruvaw nagħmlu kuntatt magħha.

17.4.6.1 iBINs – Wesgħa Profs. Ġużè' Aquilina

Il-Kunsillier AG infurmat li qed ikun hemm ħafna problemi u ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jipprova jnaqqas l-ammont ta' kontenituri li hemm. Is-Sindku infurma li bil-liġi l-Kunsill għandu l-obbligu li jkollu 2 siti f'Ħal Balzan. Waħda mill-fatturi li n-nies qed jaħsbu li hi l-problema hi, lis-sit huwa wisq kbir u għalhekk qed jattira ħafna nies, anke minn barra r-raħal biex jiġu jarmu fih.

17.4.6.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nżommu 2 kontenituri minn kull tip (ekwivalenti għal 2 siti obbligati bil-liġi). Se ninfurmaw lill-GreenPak biex ineħħu l-kontenituri ż-żejda li hemm u lill-LESA biex iżidu l-infurzar.

## 17.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

17.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 17.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

17.6.1 *Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Ħal Balzan* using Environmentally Friendly Products and Practices – BLC 05/2025 - Aġġudikazzjoni

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 05/2025. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta ta' Carmel Mifsud u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat.

17.6.2.1 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2025

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2025. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

17.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier AG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 17.7 Skemi Finanzjarji

17.7.1 <u>Skema ta' Għajnuna fil-Komunità</u>
Ġiet innotata Skema ta' Għajnuna fil-Komunità maħruġa mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat li tagħlaq fl-10 ta' Diċembru 2025. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nesploraw il-possibiltà biex napplikaw biex tiġi rrestawrata l-ġibja u l-għajn tal-ilma li hemm fil-Pjazza. Jekk le, nistgħu napplikaw biex isir xi restawr ta' waħda mill-kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes jew tas-Sala Aurora (se nitolbu permess lill-Kappillan).

17.7.2 Peress lid-data tal-għeluq ta' din li skema hija qasira, kien hemm qbil li l-applikazzjoni ssir minn persuna / kumpanija esterna.

## 17.8 Jum Ħal Balzan 2025

17.8.1.1 <u>Il-Ħadd 2 ta' Novembru 2025</u>
Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar il-preparamenti għall-Quddiesa ta' Ringrazzjament u l-għotja tal-Premju Ġieħ Ħal Balzan.

17.8.1.2 Dwar il-programm 'Bonġu Malta', is-Sindku infurma li l-produzzjoni għamlet arranġament mal-Kappillan biex f'każ ta' temp ħażin, il-programm jiġi trażmess mis-Sala Parrokkjali.

17.8.2 <u>Is-Sibt 25 ta' Ottubru 2025</u>
Il-Kunsill ġie aġġornat u ddiskuta l-aħħar preparamenti għall-attività tas-Sibt.

## 17.9 Attivitajiet u Tiżjin għal żmien il-Milied

17.9.1 <u>Attività għal żmien il-Milied – Il-Ħadd 21 ta' Diċembru 2025</u>
Is-Sindku infurma lis-Sala Aurora hija disponibbli u għalhekk ġiet ibbukkjata. Se niċċekkjaw mal-Avukat tal-Kunsill jekk hemmx bżonn xi tip ta' permess biex jintwera film tal-Milied (Elf) waqt l-attività. Is-SE infurmat li l-Kunsill se jkun qed jieħu fondi minn Skema Finanzjarja maħruġa mid-DGL.

**F'dan il-ħin (6.30pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-6.36pm.**

17.9.2 <u>Wirja ta' Presepji</u>
Il-Kunsill ġie aġġornat fuq il-preparamenti għall-Wirja ta' Presepji li se ssir fil-Kappella ta' Triq it-Tliet Knejjes. Il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja se jsir il-Ħadd 14 ta' Diċembru 2025.

17.9.3 <u>Tiżjin għal żmien il-Milied</u>
Kien hemm qbil lid-dawl tal-Milied fit-toroq jinxtgħel fis-27 ta' Novembru 2025 fis-6.00pm.

## 17.10 Kommemorazzjoni ta' personalitajiet lokali

17.10.1 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-SE infurmat li se nġibu kwotazzjoni tax-xogħol neċessarju biex isir il-pedament għall-pedestall.

17.10.2 Se nibagħtu r-ritratti lill-iskultur ħalli jkun jista' jibda jaħdem fuq il-bust. Il-Kunsill qed jimmira li l-bust jiġi inawgurat f'Ġunju 2026.

17.10.3 Il-Perit tal-Kunsill infurma li peress li fil-proċess tal-applikazzjoni mal-PA ikun meħtieġ li tinkiseb l-approvazzjoni mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti, dawn tal-aħħar jitolbu li jiġu ppreżentati d-dettalji sħaħ kemm tal-pedestal kif ukoll tal-bust, inkluż il-kitba li se tidher fuqhom. Barra minn hekk, jintalab ukoll *3D visual* jew abbozz illustrattiv. Se ninfurmaw b'dan lill-iskultur.

## 17.11 Pjazza Bertu Fenech – *CRPD Report*

17.11.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill rapport mis-CRPD wara ilment li rċevew fuq aċċessibbiltà fil-Pjazza.

17.11.2 Dan ir-rapport ġie mħejji wara spezzjoni li saret mis-CRPD u jinkludi numru ta' osservazzjonijiet li mhux qiegħdin skond l-*Access for All Design Guidelines* u rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb l-aċċessibbiltà.

17.11.3 Il-Kunsill irrimarka li biex jiġu implimentati dawn ir-rakkomandazzjonijiet prattikament trid tinqala' l-Pjazza kollha u ssir mill-ġdid.

17.11.4 Il-Perit qed jipprepara risposta teknika u se jirrispondi f'isem il-Kunsill.

## 17.12 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

17.12.1.1 ***SLOW Saturdays***

Ir-*RIGHTS Children's Council* ressqu proposta bl-isem '*Slow Saturdays: By Us, For Us*'. Din l-inizjattiva ġiet żviluppata mit-tfal stess bħala parti mill-viżjoni tagħhom li joħolqu spazji aktar siguri u inklużivi fi ħdan il-lokalitajiet.

17.12.1.2 L-għan hu li darba fix-xahar (nhar ta' Sibt, bejn l-10.00am u s-1.00pm) tingħalaq triq biex tintuża mit-tfal bħala spazju sigur u mingħajr traffiku, fejn ikunu jistgħu jilagħbu, jiltaqgħu mal-ħbieb, u jinteraġixxu mal-komunità.

17.12.1.3 Il-Kunsill ikkunsidra l-proposta u, minkejja li mhux kontra l-inizjattiva fil-prinċipju, l-organizzazzjoni ta' attività fuq bażi ta' kull xahar mhijiex fattibbli minħabba nuqqas ta' riżorsi umani u loġistiċi. Madankollu, il-Kunsill ma għandu l-ebda oġġezzjoni li Triq Dun Spir Sammut u l-playing field jintużaw għal attività darba fix-xahar, bil-kundizzjoni li l-organizzazzjoni tal-attivitajiet issir min-naħa tagħhom.

17.12.2 ***Easipik Parcel Lockers***

MaltaPost qed jesploraw il-possibbiltà li jiġu installati *Easipik parcel lockers* fl-Uffiċċju tal-Kunsill jew f'post viċin. Il-Kunsill huwa interessat u se jissuġġerixxi li ssir f'Wied Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes.

17.12.3 **Ħmieġ tal-ħamiem**

Il-Kunsill irċieva ilment dwar il-problema ta' ħmieġ tal-ħamiem fi Triq Santa Marija. Din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

17.12.4 ***Tournament*** **tal-*Football***

Il-Kunsillier AG infurmat li tkellmet mal-President ta' Balzan FC biex possibbilment jiġi organizzat *tournament* tal-*football.* Il-Kunsill approva u qed jalloka s-somma ta' €500 għal din l-attività.

## 17.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

17.13.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 10/25, li tinkludi l-ammont ta' €61.05c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Settembru 2025.

17.13.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Edward Grech li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 17.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

17.14.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.06pm.

17.14.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fil-5.00pm.

Konfermati, it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |